**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Frar 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Supretendent Anthony Cassar)**

**Vs**

**OMMISSIS A**

Kump Nru 67/2004

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Ommissis A** detentur tal-karta tal-identita numru 256148M, gie akkuzat talli fi Triq Wenzu Dyer fi Triq San Lawrenz u fi nhawi ohra fil-Birgu, nhar il-Gimgha 23 ta' Jannar 2004, ghall-habta ta' xi l-hamsa u nofs jew is-sitta ta' filghaxija, kif ukoll fit-12-il xahar ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmuin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. B'eghmil zieni, ikkorrompa lil Ommissis B, li ghandha ghaxar snin, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta ta' tnax-il sena;

2. Offenda l-pudur jew il-morali tal-istess minorenni Ommissis B u ta' ommha Ommissis C, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

Rat ir-*rinvio a giudizio* ta` l-Avukat Generali tal-14 ta` Lulju 2015 fejn indika l-Artikoli tal-Ligi u sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara *folio* 81), u l-kunsens ta` l-imputat li jinsab *a folio* 82;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi dan il-process, bhal hafna ohrajn, kien gie distrutt minhabba nirien li kienu hakmu l-awla fejn kien qed jinzamm lura fis-sena 2004. Il-Qorti, diversament preseduta, kienet allura ordnat li l-process jigi rikostruwit. Din il-Qorti trid necessarjament toqghod fuq ir-rizultanzi processwali wara tali rikostruzzjoni tal-process. In oltre, dan il-process kif rikostruwit, kien gie ghand din il-Qorti kif issa hija preseduta in segwitu ghall-assenjazzjoni ufficcjali li saret f'Awwissu 2013 wara li l-Magistrat sedenti kien gie elevat ghal Imhallef;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali a dispozizzjoni taghha konsistenti principalment fid-depozizzjonijiet tax-xhieda tal-Ispettur Anthony Cassar (*a folio* 3), ta` Ommissis C (*a folio* 17), kif ukoll l-istqarrija ta` l-imputat li tinsab *a folio* 61, u d-depozizzjoni tieghu kif ukoll ta` martu Ommissis D (minn *folio* 83 *et seq*).

Mhux l-istil ta' din il-Qorti li toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process -wara kollox dak li jirrizulta jkun effettivament fil-process.

Li ser taghmel din il-Qorti hu li se tmur mill-ewwel ghall-punt jew punti li ghandhom jigu indirizzati fid-dawl taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat

**Ikkunsidrat;**

Illi dan il-kaz nibet minn rapport li sar minn Ommissis C nhar il-25 ta' Jannar 2004 fejn hija allegat illi jumejn qabel u cioe fit-23 ta' Jannar 2004 ghall-habta ta' bejn il-5:30pm u s-6:00pm, meta kienet ghaddejja minn quddiem 'Ommissis E' gewwa Triq Wenzu Dyer, il-Birgu, flimkien ma bintha Ommissis B ta' 10 snin, lemhet lill-imputat jaqbad il-parti privata tieghu minn fuq il-hwejjeg, u ftit hin wara ratu f'kantina (fl-istess fond) bil-genitali jidhru u kien ukoll allegatament qed jimmasturba.

Bint il-*complainant*, il-minuri Ommissis B, fil-qosor tallega illi hija rat lill-imputat imiss il-genitali tieghu minn fuq il-hwejjeg, izda tghid espressament illi hija ma kienetx rat dak li kienet allegat ommha li ratu jaghmel fil-kantina, peress illi hija ma kienetx harset f'dik id-direzzjoni.

Ommissis C tallega wkoll illi xi tmien snin qabel dan l-incident ta' Jannar 2004, l-imputat kien stidinha biex timmasturbah u hi kienet irrifjutat. Tallega wkoll illi bejn l-ewwel incident ta' tmien snin qabel u l-incident ta' Jannar 2004, l-imputat mhux l-ewwel darba li ttantaha billi kien jaghmel mossi b'ilsienu u billi gieli wkoll ghamel mossi fis-sens li jaqbad il-parti privata tieghu.

Tallega illi hija qatt ma irraportatu peress illi emmnet illi forsi kien ser jieqaf wahdu; izda l-incident ta' Jannar 2004 effettivament gieghelha tiehu azzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi b'reazzjoni ghal dawn l-allegazzjonijiet, l-imputat mill-ewwel cahad li qatt ghamel dawn l-affarijiet. Fl-istqarrija tieghu, *a tempo vergine*, jichad kategorikament dawn l-allegazzjonijet u jirrispondi ghal kull domanda li saritlu.

Illi kien ukoll sar konfront bejnu u bejn Ommissis C u bintha, fil-prezenza tal-pulizija – f'liema konfront Ommissis C u bintha baqghu isostnu l-allegazzjonijiet taghhom filwaqt li l-imputat baqa jinnega.

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-ahhar ta' l-istqarrija voluminuza tieghu, l-imputat jistqarr is-segwenti :

**‘nixtieq inzid li meta inti (referenza ghall-Ispettur Anthony Cassar) staqsejt lil din il-mara kif ittantajtha jien, jekk qattx hrigtilha ilsieni kemm lilha u kemm lil bintha hi ma kienetx taf tirrispondik u fil-fatt ma rrispondietekx. Imbaghad qaltlek ma nafx x’kien qed jaghmel mal-bank tax-xoghol. Dan kollu gara fil-konfront’**.

Il-minuri Ommissis B taghti verzjoni partikolari tali li din il-Qorti thoss li ghandha tirriproducieha *verbatim*, anki jekk din tirrizulta minn stqarrija u mhux minn xhieda guramentata. *A folio* 59 insibu s-segwenti :

***Kif konna telghin minn hdejn garaxx ta’ wiehed li jahdem ta mastrudaxxa, dan il-mastrudaxxa li jien lanqas biss naf x’jismu, hareg mill-hanut tieghu u beda jittawwal ‘il fuq u ‘l isfel sabiex jara jekk ma kienx hemm nies barra. Fil-fatt dak il-hin ma kien hemm hadd. Rega’ dahal gewwa, beda jmiss xi injam li kellu fuq il-mejda u rega hareg barra fuq il-ghatba tal-hanut. Imbaghad kif konna tilghin, ‘beda jmiss gismu’ u ommi lili qaltli “hares ‘l hemm”. Jien obdejtha w harist ‘l hemm. Meta rajtu jaghmel hekk, jien inhsadt ghaliex qatt ghadni ma rajt lil hadd jaghmel kif ghamel hu. Jien tgerfixt u bdejt inhares lejn l-art u lejn ommi u hekk...***

***Nispjega li meta beda jmiss gismu hu beda jhares lejja u wkoll lejn ommi u beda jitbissem. Kliem ma qal xejn u jien rajtu sakemm ommi qaltli biex inhares ‘l hemm.***

***Mistoqsija: Meta int harist ‘l hemm kif qaltlek ommok, int taf x’raga aktar imbaghad?***

***Twegiba: Iva naf. Naf li huwa dahal gol kantina u beda jmiss gismu.***

***Mistoqsija: Dan ghaliex rajtu int? Cioe’ rajtu x’beda jaghmel fil-kantina lilu?***

***Twegiba: Le, x’ghamel gol-kantina naf ghaliex qaltli ommi x’beda jaghmel ghaliex jien imbaghad ma bdejtx inhares aktar lejh, kif diga ghedt.***

***Mistoqsija: Int ghedtilna li meta kien fil-bieb tal-garaxx beda jmiss gismu u jitbissem lilek u lil ommok. Dan ghedtu ghaliex rajtu int stess jew ghaliex qaltlek ommok ukoll bih?***

***Twegiba: Jien rajtu biss jaghmel dawk il-mossi li ghamel fil-bieb tal-garaxx tieghu u mhux meta dahal fil-kantina. X'gara hemmekk qaltli ommi imbaghad.***

**Ikkunsidrat;**

Illi qabel ma din il-Qorti tghaddi sabiex tanalizza l-mertu, jidhrilha li ghandha tindirizza l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, kwistjoni ta` ordni pubbliku li hija sollevabbli *ex officio* mill-Qorti. Din il-Qorti qed taghmel hekk peress illi ghalkemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma inghatax mid-difiza b'mod formali, sar pero` accenn ghal tali kwistjoni waqt is-sottomissjonijiet finali.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, l-Qorti rat l-Artikolu 203(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta fejn jindika piena ta` prigunerija ta` bejn tlieta u sitt snin. Skond l-Artikolu 688(c) tal-Kap 9, iz-zmien ta` preskrizzjoni ghal dan ir-reat hu ta` ghaxar snin.

Dwar it-tieni imputazzjoni, l-Qorti rat l-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta fejn jindika piena ta` prigunerija ta` mhux aktar minn tlett xhur u multa. Skond l-Artikolu 688(e) tal-Kap 9, iz-zmien ta` preskrizzjoni ghal dan ir-reat hu ta` sentejn.

Issa, skond l-atti li kellhom jigu rikostruwiti, jidher illi l-ahhar darba li kien deher l-imputat quddiem il-Qorti kien fl-udjenza tal-4 ta` Lulju 2005 (ara *folio* 40). Wara li din il-kawza regghet giet riappuntata (peress illi kienet thalliet *sine die* waqt li kienet giet ordnata r-rikostruzzjoni tal-process), l-imputat rega gie notifikat biex jidher quddiem il-Qorti propju fil-21 ta` Lulju 2014 (ara *folio* 52).

Jidher ghalhekk li lehqu ghaddew ftit aktar minn disa snin bejn l-ahhar dehera ta` l-imputat fis-sena 2005 u l-ewwel notifika tieghu sussegwenti biex jerga jidher, li propju sehhet fis-sena 2014.

Dan kollu ifisser illi t-tieni imputazzjoni hija kolpita bil-preskrizzjoni, u konsegwentement din il-Qorti hija prekluza milli tindirizzaha fuq il-mertu; filwaqt illi l-

ewwel imputazzjoni effettivament ma hijiex kolpita bil-preskrizzjoni u konsegwentement din il-Qorti ghandha tipprocedi biex tindirizzaha fuq il-mertu.

**Ikkunsidrat;**

**Illi naturalment, minn issa 'l quddiem, din il-Qorti ser tillimita ruhha ghal dak li ghandu x'jaqsam ma l-ewwel imputazzjoni (korruzzjoni ta` minorenni).**

Ma hemmx dubbju illi oggettivament, kwalunkwe forma ta` fastidju sesswali jew fastidju b'sfumaturi sesswali, huwa kundannabbli u jehtieg li jigi indirizzat kif jixraq skond il-ligi. Maghmulha din id-dikjarazzjoni cara u inekwivoka, din il-Qorti issa trid tghaddi sabiex tiddeciedi dwar ir-rizultanzi processwali skond ix-xjenza legali.

Jidher car illi f'dan il-kaz hemm kunflitt fil-provi, almenu ghaliex il-verzjonijiet tal-protagonisti huma konfliggenti.

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti li tkun ghandha tapprofondixxi aktar l-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti analizzat fil-fond, fil-kuntest ta` l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront ta` l-imputat, dak li gie espost aktar il-fuq, fosthom, izda mhux biss, dak li allegat u kif allegatu il-minuri Ommissis B.

Din il-Qorti, wara tali analizi approfondita, tinsab f'qaghda tiddikjara illi, f'dan il-kaz, ghandha dubbju, u mill-bidu sa l-ahhar ta` l-analizi, dak id-dubbju ippersista. *In dubio pro reo*. Mhux bizzejjed ghall-prosekuzzjoni, biex tirnexxi fil-kaz taghha, billi l-Qorti tghid jew titqieghed f'pozizzjoni li tghid u tikkonkludi li x'aktarx iva milli le, dak li qed tghid Ommissis C sehh. Dan ghaliex, id-dubbju persistenti f'mohh il-Qorti, id-dubbju li

gej mir-raguni, ma jhallix lill-Qorti titla targa ohra u tiddikjara serenement li giet stabbilita l-htija ‘l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Din il-Qorti taghmilha cara illi hi mhux qed tghid li parti jew ohra qed tghid jew mhux qed tghid il-verita`. Mill-assjem tal-provi u mill-analizi ta` l-istess, din il-Qorti tinsab f’qaghda li daqs kemm tista tghid li l-verzjoni ta` Ommissis C hija plawsibbli, daqstant iehor tista tghid li l-verzjoni ta` l-imputat hija plawsibbli. Il-konkluzjoni ta` din il-Qorti hi li wara analizi approfondita, l-kaz baqa jipprezenta kunflitt serju ta` verzjonijiet liema konflitt holoq id-dubbju – id-dubbju ragonevoli – li necessarjament jehtieg li jmur favur l-imputat.

Fuq binarju iehor, din il-Qorti tqis illi, li kieku kellha toqghod fuq l-allegazzjonijiet esposti u kif esposti minn Ommissis B, ukoll din il-Qorti ikollha tiddikjara li tali fatti allegati ma humiex bizzejjed biex a bazi taghhom tista tinstab il-htija ta` l-imputat fuq l-ewwel imputazzjoni.

Oggettivament, dikjarazzjoni ta` htija f’dawn ic-cirkostanzi tkun dikjarazzjoni **“unsafe and unsatisfactory”.**

**KONKLUZJONI;**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL OMMISSIS A MHUX HATI TAL-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur